Illum sitta ta' Gunju tas-sena elfejn
u tmienja (06-06-2008) fil-hamsa
ta' filgħaxija (5:00 p.m.).

Numru:

Testment
Unica
Charta

Insinwat:

Quddiemi Dottor Maria Vella Magro, Nutar Pubbliku Malti, u quddiem ix-xhieda hawn taht iffirmati, minnhi maghrufa u idonei skond il-ligi, dehru personalment wara li vverifikajt l-identita' taghhom skond il-ligi f'Malta:

Joseph Mizzi, pensjonant, bin il-mejtin Paolo u Rosa neé Camilleri, imwieled Qala, Ghawdex u residenti Nadur, Ghawdex, bil-Karta ta' l-Identita numru 42426G; aktar 'il quddiem imsejjah it-"testatur"; u **Rita Mizzi,** mart l-imsemmi Joseph Mizzi, bint il-mejtin Salvatore Camilleri u Rose neé Muscat, imwielda u residenti n-Nadur, Ghawdex, bil-Karta ta' l-Identita numru 27306, aktar il-quddiem imsejjha t-"testatrici".

Billi t-testaturi, il-konjugi Mizzi, jipposjedu l-fakoltajiet mentali u intelletwali taghhom kollha u b'hekk kapaci skond il-ligi sabiex jiddisponu minn gidhom ghal wara mewthom, resqu u deheru fuq dana t-testment unica charta taghhom li inforza tieghu sejrin jiddisponu bil-mod segwenti, u cioè:

L-Ewwel (1) Artikolu:

L-ewwelnett u qabel xejn it-testatur ihassar, jirrevoka u jannula kwalunkwe testment iehor illi huwa ghamel sal-gurnata tal-lum qabel dana t-testment, sia publiku sia sigriet, kemm wahdu kif ukoll ma' haddiehor, u jrid u jordna illi s-succezzjoni tieghu tkun regolata b'dana t-testment unica charta biss.

It-Tieni (2) Artikolu:

It-testatur jinnomina u jistitwixxi b'eredi universali fi piena u assoluta proprjeta' ta' l-assi universali tieghu prezenti u futuri, korporali u inkorporali, mobbli u immobbli lill-martu **Rita Mizzi** .

F'kaz illi martu tmut qabel it-testatur u f'din l-eventwalita biss, it-testatur jinnomina u jistitwixxi b'eredi universali fi piena u assoluta proprjeta' ta' l-assi universali tieghu prezenti u futuri, korporali u inkorporali, mobbli u immobbli:

fis-sehem ta' kwart (1/4) indiviz lill-Knisja Parrokjali tan-Nadur, Ghawdex ;

fis-sehem ta' kwart (1/4) indiviz lin-neputijiet tieghu minn naha ta' martu ulied il-mejta Giuseppa Camilleri (li tigi oht il-mara tat-testatur), u cioè Eugenia, Coronato, Emanuel, Salvu, Marisa, Michealina u Eucharist f'ishma ndaqs bejniethom, u bis-sostituzzjoni vulgari ta' l-ulied rispettivi taghhom u bid-dritt ta' l-akkrexxeiment bejniethom skond il-ligi fin-nuqqas; u

fis-sehem ta' kwart (1/4) indiviz lin-neputijiet tieghu minn naha ta' martu ulied Pawla Camilleri (li tigi oht il-mara tat-testatur), u cioé Josephine, Rose, Rita, Joseph, Mario, Mary Dolores, Antonia, u ulied il-mejjet Alfred (per stirpes) f'ishma ndaqs bejniethom, u bis-sostituzzjoni vulgari ta' l-ulied rispettivi taghhom u bid-dritt ta' l-akkrexxeiment bejniethom skond il-ligi fin-nuqqas, jigifieri kull wiehed u

Arkivre Arkivre Arkivre Arkivre Arkivre Arkivre Arkivre Arkivre

wahda minn ulied Pawla Camilleri ikollhom sehem ta' ottav (1/8) indiviz minn kwart (1/4) indiviz u ghalhekk ulied il-mejjet Alfred, u cioé Sammy, Margaret u Martin ikun imisshom ma' xulxin ottav (1/8) minn kwart (1/4) indiviz bejniethom [illegible] ma ndaqs; u

fis-sehem ta' kwart (1/4) indiviz lill-erba' (4) minn hut it-testatur, u cioé lill-Evangelista, Carmela, Angelo u Margaret f'ishma ndaqs bejniethom, u bis-sostituzzjoni vulgari ta' l-ulied rispettivi taghhom u bid-dritt ta' l-akkrexximent bejniethom skond il-ligi fin-nuqqas.

In oltre f'kaz li mart it-testatur tmut qabel jew simultanjament mat-testatur, dina n-nomina ta' werrieta kif fuq spjegat qed issir bil-patt u kundizzjoni illi jekk xi hadd mill-werrieta hawn fuq nominati (salv ghat-testatrici) ghal kwalunkwe raguni jopponi jew jattakka dana t-testment, anke b'mod legali, u/jew ma jersaqx ghal qasma finali skond kif stipulat f'dana t-testment, allura dan/din ghandu/ghandha jitlef/titlef ipso iure kull beneficcju li [illegible]ilha mholli b'dana t-testment u sehemhu jakkrexxi ma' ta' hutu/huthu l-ohra.

It-Tielet (3) Artikolu:

It-testatur jakkorda lill-martu d-dritt li tvarja, tbiddel u tirrixxindi dana t-testment unica charta, però ghar-rigward il-gid rispettiv taghha biss, u dana minghajr ma tinkorri f'ebda penalitajiet kontemplati fil-ligi. Dina l-fakolta qed tinghata lit-testatrici anke ghall-matul il-hajja tat-testatur wara li jiena nutar sottofirmat niddikjara illi jiena fehemthom sewwa lit-testaturi bl-importanza ta' tali fakolta li qed tigi moghtija lill-martu wara li jiena spjegajtilhom l-importanza ta' l-Artikoli 593 u 594 tal-Kodici Civili ta' Malta rigward l-effetti ta' revoka minn wiehed jew wahda mit-testaturi ta' testment unica charta, u t-testatrici niddikjarat li fehmu it-tifsira u l-effetti ta' l-imsemmija Artikoli u ghalhekk it-testatur qed jaghti din il-fakolta ta' poter variare lit-testatrici.

Ir-Raba (4) Artikolu:

Ghal kull buon fini u effetti tal-ligi t-testatur qed jiddikjara illi hija l-volonta tieghu illi d-disposizzjonijiet kollha f'dana t-testment li huma favur martu fuq imsemmija ghandhom ikollhom effett bi preferenza fuq l-ohrajn.

Il-Hames (5) Artikolu:

L-ewwelnett u qabel xejn it-testatrici thassar, tirrevoka u tannula kwalunkwe testment iehor illi hija [illegible] sal-gurnata tal-lum qabel dana t-testment, sija pubbliku sija ligriet, kemm wahedha kif ukoll ma' haddiehor, u trid u tordna illi s-successjoni taghha tkun regolata b'dana t-testment unica charta biss.

Is-Sitt (6) Artikolu:

It-testatrici tinnomina u tistitwixxi b'eredi universali fi piena u assoluta proprjeta' ta' l-assi universali taghha prezenti u futuri, korporali u inkorporali, mobbli u immobbli lill-zewgha **Joseph Mizzi** .

F'kaz illi zewgha imut qabel it-testatrici u f'din l-eventwalita biss, it-testatrici tinnomina u tistitwixxi

Arkivre Arkivre Arkivre Arkivre Arkivre Arkivre